



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-313/12

Giuseppa Romeo

vs

Regione Siciliana

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte dei conti, sezione giurisdizionale per la Regione Siciliana)

“Proċedura amministrattiva nazzjonali — Sitwazzjoni purament interna — Atti amministrattivi — Obbligu ta’ motivazzjoni — Possibbiltà li tiġi rrimedjata l-assenza ta’ motivazzjoni matul proċedura gudiżzarja mibdija kontra att amministrattiv — Interpretazzjoni tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE u tal-Artikolu 41(2)(ċ) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Nuqqas ta’ guriżdiżżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-7 ta’ Novembru 2013

1. *Domandi preliminari — Guriżdiżżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Limiti — Sitwazzjonijiet purament interni — Interpretazzjoni mitluba minħabba fir-riferiment ġenerali magħmul minn dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali għall-prinċipji bbażati fuq l-ordinament guriċu tal-Unjoni — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprova għal regoli speċifiċi li japplikaw għas-sitwazzjoni interna inkwistjoni — Nuqqas ta’ applikazzjoni tal-prinċipji bbażati fuq l-ordinament guriċu tal-Unjoni — Nuqqas ta’ guriżdiżżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

(Artikolu 267 TFUE)

2. *Domandi preliminari — Ammissibbiltà — Limiti — Domandi manifestament irrilevanti u domandi ipotetiċi magħmula f’kuntest li jeskludi risposta utli*

(Artikolu 267 TFUE)

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-guriżdiżżjoni sabiex tiddeċiedi dwar talbiet għal deċiżjoni preliminari li jirrigwardaw dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f’sitwazzjonijiet fejn il-fatti fil-kawża prinċipali ma jkunux jaqgħu taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, iżda fejn id-dritt nazzjonali jagħmel riferiment għall-kontenut tal-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni sabiex jiddetermina liema huma r-regoli applikabbli għal sitwazzjoni purament interna tal-Istat Membru kkonċernat. Dan huwa l-każ meta d-dritt nazzjonali jkun għamel id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni applikabbli għal tali sitwazzjonijiet b’mod dirett u mhux kundizzjonali, mingħajr ma jkun ipprova dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jeskludu dawn ir-regoli tal-Unjoni hekk kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Għalhekk, ladarba leġislazzjoni nazzjonali tkun fl-istess ħin tinkludi kemm regoli speċifiċi għas-soluzzjoni tal-kwistjoni ta' dritt intern, kif ukoll dispożizzjoni li tirreferi għall-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, minn din il-leġislazzjoni nazzjonali għandu jirriżulta b'mod ċar li biex tinstab soluzzjoni għall-istess domanda ta' dritt intern għandhom jiġu applikati l-prinċipji li ġejjin mid-dritt tal-Unjoni u mhux l-imsemmija regoli speċifiċi tad-dritt nazzjonali.

(ara l-punti 21-23, 33, 34)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 40)